MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Numru 1032/2004

**Il-Pulizija
(Supt. Carmelo Magri)
vs
Keith Pace**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Keith Pace** ta' 24 sena bin Lawrence u Emanuela *nee'* Vella mwieled Pieta' nhar l-10 ta' Lulju 1980 residenti 49, Triq Stoefnu Zerafa Marsa u detentur tal-karta tal-identita numru 327480M;

Talli fit-12 t'Ottubru 2001 u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer heddidtu lil Cettina Kok li tikkagunawlha offizi gravi u tajtuha ordni jew kundizzjoni sabiex tizzewweg lil Abdalla El Ahmad detentur tal-karta tal-

identita numru 24243(A) bil-ksur tal-Aertikolu 249 (2) tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, hin u lok, bil-hsieb li testorcju flus jew xi haga ohra jew li taghmlu xi qliegh bi vjolenza u b'theddid giegheltu lill-istess Cettine Kok sabiex tizzewweg lill-istess Abdalla El Ahmad, liema theddid wassalkom fil-hsiebkom u dan bil-ksur tal-Artikoli 250 (1) (2) u 251 (1) (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Keith Pace wahdu talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 Tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-avukat generali kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kawza kontra tieghu tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha:

Ikkunsidrat:

Illi l-prosekuzzjoni ressqet lill-imputat flimkien ma persuna ohra quddiem din il-Qorti wara informazzjoni illi l-imputati originarjament issugerew lill-kwerelanta mod kif taghmel ftit flus malajr issa li kienet spiccat bla xoghol u kienet tleqet mid-dar tal-genituri taghha. Is-suggeriment kien li dan illaqqaha ma' certu Maria Camilleri sabiex da parti taghha tlaqqa lil-kwerelanta ma' ragel Gharbi li ried jizzewweg ma' Maltija biex igib ic-cittadinanza Maltija. Wara li kienet konvinta minn dan, il-kwerelanta flimkien mal-persuna Gharbija marru l-ufficcju tal-immigrazzjoni fejn saru jafu li b'dan iz-zwieg r-ragel futur tal-kwerelanta ma kienx ser jottjeni ic-cittadinanza Maltija stante li hi kienet Olandiza hlief jekk tirrinunzja ghaliha izda l-kwerelanta ma kienitx lesta titlef ic-cittadinanza taghha u l-imputat flimkien mal-komplici bdew jhedduha bi swat u kawza tal-biza taghha accettat u finalment irrinunzjat ghac-cittadinanza Olandiza sal punt ukoll li zzewget lill-persuna Gharbija kontra l-volonta' taghha b'theddid fuq hajjitha.

Fil-mori tal-kawza l-imputat Keith Pace ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu u wara li l-Qorti ezaminat l-atti kollha, accettat l-ammissjoni tieghu u ghalhekk qed issibu hati tal-akkuzi;

Rat l-artikoli 249(2), 250(1)(2) u 251(1)(2), 49 u 50 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat il-fedina penali fejn tirrizulta storja ta' diversi okkazzjonijiet li fihom l-imputat xellef difreh mal-gustizzja l-aktar minhabba serq;

Tenut kont tal-gravita' ta dan ir-rejat, bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) tal-Kap 9, tikkundanna lill-imputat ghal-terminu ta' prigunerija ta' erba snin mil-lum u ghal hlas ta' multa ta' elf (1000) euro konvertiti minn

issa fi priguerija ghal zmien hamsa u tmenin (85) gurnata f'kaz li ma jhallasx.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------